MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 401/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited [C 3143] kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha BDS Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assikurazzjoni u l-istess BDS Limited [C5521] Claim AO35143**
**Vs**
**Allfreight Limited [C3690] u b' digriet tat-3 ta' Awissu 2004 giet kjamata fil-kawza Palm Shipping Agency**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fit-12 ta' Ottubru 2004 mis-socjeta' Palm Shipping Agency li kienet giet kjamata in kawza b' digriet moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' Awissu 2004 ;
Rat ir-risposta tal-atturi;
Semghet il-provi in proprositu;
Ikkunsidrat;

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

Illi in segwitu ghall-prezentata tac-citazzjoni odjerna fl-1 ta' Gunju 2004, il-kawza odjerna giet appuntata ghas-smigh ghat-22 ta' Ottubru 2004.

Illi sussegwentement, fuq rikors tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' rikorrenti b'digret tat-3 ta' Awissu 2004 giet msejjha fil-kawza, u konsegwentement giet debitament notifikata bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz fis-16 ta' Awissu 2004.

Illi fit-12 ta' Ottubru 2004 is-socjeta' kjamata in kawza prezentat ir-rikors in disamina sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha.

Illi fl-ewwel udjenza fit-22 ta' Ottubru 2004 deher ukoll rapprezentant tal-kjamata fil-kawza u l-kawza giet differita ghall-provi dwar ir-rikors.

Illi fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2004 l-Avukat tal-kjamata fil-kawza pprezenta l-affidavit ta' Simon Bajada in sostenn tat-talba tieghu; u fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2004 il-Qorti semghet ix-xhieda tal-istess Simon Bajada u gie trattat ir-rikors.

Illi kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu l-imsemmi Simon Bajada spjega li huwa direttur tal-kumpanija Palm Shipping Agency Limited, u li fid-data tan-notifika tal-atti u cioe' fis-16 ta' Awissu 2004 huwa kien imseifer u l-ewwel darba li ra l-atti kin fit-23 ta' Awissu 2004. Dan ix-xhud spjega li meta ra d-dokumenti, stante li fuq l-avviz tas-smigh fl-okkju ma kienx hemm indikata is-socjeta' Palm Shipping Agency, huwa haseb u ha l-impressjoni li kien qed jigi mharrek bhala xhud, *multo magis* meta ra din il-kumpanija indikata fil-lista tax-xhieda annessa mad-dikjarazzjoni. Ix-xhud ammetta li fl-okkju tac-citazzjoni kien hemm indikat, bil-ktiba, li s-socjeta' kienet giet kjamata in kawza, izda sahaq li huwa din ma rahiex u kien that l-impressjoni li l-kawza kienet biss kontra s-socjeta konvenuta u li l-involviment tieghu fil-kawza kien biss bhala xhud. Skond l-istess Simon Bajada, kien meta wera d-dokumenti lill-Avukat tieghu li huwa sar jaf li s-socjeta' kienet giet kjamata fil-kawza u

kellha l-fakolta’ li tippresenta nota tal-eccezzjonijiet sa ghoxrin gurnata minn notifika.

Fix-xhieda tieghu Bajada insista “Jiena nerga’ nirrepeti l-kliem bil-handwriting fl-okkju tac-citazzjoni ma rajtux. Jiena ma rcevejt l-ebda ittra ufficjali qabel dawn il-proceduri.” [Fol.52]

Il-Qorti wara li semghet lil Simon Bajada u ezamint l-atti li bihom giet notifikat, hija tal-fehema li dan kien proprju kaz ta’ zball da parti tieghu li meta ra l-avviz tas-smigh haseb li l-kawza kienet biss kontra is-socejta’ konvenuta. Huwa kien konxju li d-dokument l-iehor li rceva kien att ta’ citazzjoni, izda haseb li l-kawza kienet kontra Allfreight Limited u l-involviment tal-kumpanija Palm Shipping Agency fil-proceduri odjerni kien biss bhala xhud, *multo magis* meta ra din s-socjeta’ indikata fil-lista tax-xhieda.

Jigi osservat li huwa minnu li l-gurisprudenza interpretattiva hija fis-sens li l-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghax jekk ikun invincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; izda fil-kaz ojdern, dak li gara wara li l-Avukat tal-kumpanija spjega lill-istess Simon Bajada bl-istat tal-kjamata in kawza tal-kumpanija f’ dawn il-proceduri, jeskludi dik il-kolpa li ghandha twassal ghal mizura punittiva konsegwenzjali ghall-istat tal-kontumacja li timporta deroga mill-principju *audi et alteram partem*, billi ma thallix lill-kjamata fil-kawza tipprezenta r-ragunijiet taghha bil-miktub.

Di fatti l-istess socjeta’ fit-12 ta’ Otturbu 2004, u cioe’ qabel l-ewwel udjenza, prezentat ir-rikors odjern ghal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, u kienet rapprezentata fl-udjenzi kollha li saru s’issa.

F’ dawn ic-cirkostanzi l-assenza guridika tas-socjeta’ konvenuta fil-kawza ma tistax titqies tali li “tindika disubbidjenza ghall-ordni tal-Qorti, indocilita’ tas-suggett tad-dritt ghar-rikjam ta’ l-organi gudizzjarji; renitenza ghal dak li huwa obbligatorju, u allura arroganza tal-konvenut fil-konfront ta’ l-Ordinament tal-Proceduri Gudizzjarji.” [Vol.LXXIV].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li fil-kaz prezentiil-kontumacja giet gustifikata mill-kjamata in kawza.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tawtorizzaha tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata mill-lum.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------